MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 2656/1997/1

**Fogg Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Eugenio Galea, abbazi ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi, u l-istess Eugenio Galea**

**v.**

**Jesmond Ellul**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti kienet laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut. L-atturi – is-socjeta` Fogg Limited *nomine* u Eugenio Galea – kienu talbu lill-Prim Awla tiddikjara li l-konvenut Ellul kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh lejliet il-Milied tal-1994 f'Ta' Xbiex bejn vettura misjuqa minn Galea u ohra misjuqa mill-imsemmi Ellul; talbuha wkoll tikkundanna lill-Ellul ihallas lis-socjeta` Fogg Limited is-somma ta' Lm1867.47 rappresentanti danni sofferti mis-socjeta` wara li dina hallset lill-assigurat taghha; kif ukoll talbuha tikkundanna lil Ellul ihallas lil Galea Lm188.80 telf ta' uzu tal-vettura tieghu (peress li Galea kellu jikri vettura ohra sa ma jsir ix-xoghol ta' tiswija) u Lm25 *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni. Kif inghad l-ewwel Qorti laqghet dawn it-talbiet, ghalkemm ghall-precizjoni ghandu jinghad li fir-rigward tat-tieni talba l-ammont likwidat u li Ellul gie kkundannat ihallas lis-socjeta` Fogg hu ta' Lm1847.14 u mhux Lm1867.47 kif mitlub. Ghall-kompletezza, u a skans ta' ripetizzjoni inutili, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti qed tigi annessa ma' din is-sentenza bhala Dokument "A" biex tifforma parti integrali minnha, u dan peress li fiha hemm rikapitolati t-talbiet attrici bil-premessi taghhom, l-eccezzjonijiet (jew ahjar, eccezzjoni, ghax eccezzjoni wahda proprjament kien hemm) tal-konvenut u l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti li tilqa' l-imsemmija talbiet attrici.

**2.** Jinghad mill-ewwel li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet ma hiex fuq il-*quantum* tad-danni, izda hija ppernjata esklussivament fuq min ghandu tort ghall-habta. L-atturi jghidu li t-tort kien biss tal-konvenut; dan, minn naha tieghu, jattribwixxi l-htija esklussivament lill-attur Galea.

**3.** L-incident gara kif appena wiehed jaqbad Triq Abate Rigord (Ta' Xbiex) mid-direzzjoni tal-Gzira u fejn tizbokka ghal fuq dik it-triq princpali Triq Giuseppe Cali`, din ta' l-ahhar triq evidentement sekondarja. Galea kien gej mid-direzzjoni tal-Gzira u kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass meta Ellul hareg minn *side street* (Triq G. Cali`)

fuq il-lemin tieghu, u z-zewg vetturi habtu. Il-perit legali imqabbad mill-ewwel Qorti ikkonkluda li r-responsabbilta` ghall-incident kellha tigi addossata esklussivament fuq l-attur Galea peress li *"…f'dan il-kaz…l-utent tat-triq principali abbuza minn tali dritt* [tar-*right of way*] *b'mod li kien hu l-kawza principali u unika li pprovoka l-incident."* L-ewwel Qorti ma qablitx ma' dan, u kkonkludiet li l-incident gara esklussivament minhabba negligenza ta' Ellul peress li kien hu li qabad u hareg minghajr ma esplora bizzejjed it-triq principali.

**4.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha, kif inhu dover taghha li taghmel, l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u tosserva fl-ewwel lok li ma hux korrett l-appellant meta jghid li t-triq principali f'dan il-kaz kienet maqsuma minn *continuous while line* b'mod allura li l-attur Galea, biex jissorpassa, kien qasam fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn huwa ma kellu ebda dritt li jkun. Imkien mill-provi ma jirrizulta li meta sehh l-incident fl-24 ta' Dicembru 1994 kien hemm din il-*continuous white line* li tiddividi t-triq f'zewg karreggjati. Tosserva fit-tieni lok li, apparti l-provi dwar il-*quantum* tad-danni – li dwarhom fil-verita` ma hemmx kontestazzjoni – il-provi dwar l-incident jikkonsistu fl-iskizz tal-pulizija (fol. 74) u d-deposizzjonijiet ta' Galea u ta' martu minn naha, u tal-konvenut min-naha l-ohra. Determinanti ghar-risoluzzjoni tal-vertenza, pero`, huwa l-iskizz, li l-korrettezza tieghu ma giet kontestata minn hadd.

**5.** Din il-Qorti hi tal-fehma li kemm Galea kif ukoll Ellul kienu responsabbli ghall-incident, ghalkemm mhux f'mizura ugwali ta' htija. Il-manuvra ta' sorpass l-attur Galea ghamilha proprju meta huwa kien qed javvicina *a road junction* (jew, kif tissejjah fit-test Malti tal-*Highway Code*, "triq li taghqad m'ohra"). Anke jekk – u din il-Qorti taccetta li kien hekk – Galea beda jissorpassa vettura li kienet miexja bil-mod u fil-manuvra ta' sorpass huwa ma kienx qed isuq b'xi velocita` eccessiva[1], jibqa' l-fatt li ma messu qatt issorpassa proprju meta qed javvicina *road junction*. Ir-raguni ghala l-*Highway Code* jghid li sewwieq

[1] Anqas Ellul ma jallega li Galea kien ghaddej b'xi velocita` skonsiljata ghall-post fejn gara l-incident jew ghall-istess manuvra ta' sorpass.

ma' ghandux jissorpassa meta jkun qed javvicina tali *junction* hija ovvja – mit-triq l-ohra tista' tohrog vettura li timblokka l-karreggjata ghas-sorpassant, proprju kif gara f'dan il-kaz. Ghalhekk, thares mnejn thares lejn il-provi, l-attur Galea kien qed jonqos mid-dover tieghu li jsuq bi prudenza meta beda l-manuvra ta' sorpass proprju ftit metri 'l boghod mill-imsemmija *junction*. Huwa qaghad attent ghal affarijiet ohra – bhal, per ezempju, li ma kienux gejjin vetturi minn faccata, ossia nezlin Triq Abate Rigord, u l-velocita` li biha kien ghaddej – pero` xorta wahda kien negligenti fir-rigward tal-fatt li ttanta l-manuvra ta' sorpass proprju f'dak il-post. Kieku mexa ftit aktar 'l fuq (u assumendo li l-vettura li kellu quddiemu baqghet ghaddejja bil-mod, b'mod li kien ikun ragjonevoli ghalih li jissorpassa) huwa seta' jissorpassa f'distanza sigura minn toroq sekondarji li jizbokkaw ghal fuq it-triq princpali li minnha kien ghaddej.

**6.** Mill-banda l-ohra, l-iskizz meta mehud flimkien mad-deposizzjoni tal-istess konvenut – ghall-mument din il-Qorti sejra tinjora d-deposizzjoni ta' Galea – juri bic-car li Ellul naqas serjament milli jesplora sew it-triq principali hu u hiereg minn triq sekondarja u, per di piu`, minn fuq *stop sign*. Ellul, fl-affidavit tieghu tal-15 ta' Jannar 1999 (fol. 42) jghid testwalment hekk: *"Meta kont fi Triq Giuseppe Cali` waqaft u bdejt hiereg bil-mod billi fuq ix-xellug tieghi kien hemm karozza pparkjata. Is-sewwieq l-iehor kien ghaddej minn Triq Abate Rigord u jien osservajtu jipprova jaqla' l-karozza li kellu quddiemu. Infatti biex ghamel dan gie 'wrong side' u vicin hafna fejn kont hiereg jien. Dak il-hin li saret il-habta jien kont niccaqlaq fis-sens illi l-karozza kienet miexja."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Aktar tard, pero`, fis-seduta mizmuma mill-perit legali fid-9 ta' Marzu 2001 (fol. 70) biddel xi ftit, pero` f'punt krucjali, l-verzjoni tieghu u qal hekk: *"Jien waqaft pero` l-karozza baqghet gejja fuqi. Qed issir referenza ghal parti tal-affidavit fejn jien ghidt 'jien kont niccaqlaq fis-sens li l-karozza kienet miexja' u mitlub naghti spjegazzjoni in vista ta' dak li ghadni kif xehedt u nghid illi meta giet il-karozza fuqi jien kont wieqaf."* Issa, meta wiehed jezamina l-iskizz u b'mod partikolari kif Triq G. Cali` tinsab angolata ma' Triq Abate Rigord (b'mod li min ikun hiereg minn Triq Cali` u sejjer

lejn il-Gzira ghandu vizwali ferm aktar tajba ta’ dak li jkun gej mid-direzzjoni tal-Gzira milli kieku z-zewg toroq kienu *at right angles* ma’ xulxin) hu evidenti ghal din il-Qorti li anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja ta’ l-argument biss, Ellul verament waqaf fuq l-i*stop sign*, huwa seta’ jara ben tajjeb dak li kien gej minn naha tal-Gzira u dan anke bil-karozza li kien hemm parkeggjata fuq ix-xellug tieghu b’kollox. Galadarba ra, kif *ex admissis* jghid li ra, l-vettura ta’ Galea tipprova tissorpassa, Ellul ma kellux ghalfejn johrog safejn effettivament hareg fit-triq principali. Li kieku huwa verament esplora bid-debita prudenza t-triq principali huwa ma kienx johrog safejn hareg, cioe` sal-i*spot of impact*. Kemm l-iskizz kif ukoll l-ewwel versjoni li ta Ellul pjuttost jikkorroboraw il-versjoni ta’ Galea li l-imsemmi Ellul hareg b’mod skonsiljat hafna ghal fuq it-triq principali[2] (u dan, wiehed m’ghandux jinsa, meta Ellul kellu *stop sign* li hu fih innifsu avviz ghas-sewwieq biex juza l-massima prudenza hu u jisporgi fit-triq l-ohra) b’mod li kkontribwixxa sostanzjalment ghall-incident.

**7.** Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti hi tal-fehma li r-responsabbilta` ghal dak li gara ghandha tigi akkollata kwantu ghal terza parti lill-attur appellat Eugenio Galea u z-zewg terzi l-ohra lill-konvenut Ellul. Ghalhekk hemm lok mhux ta’ revoka tas-sentenza appellata, kif qed jitlob il-konvenut appellant, izda ta’ riforma.

**8.** Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell in parte u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi (**i**) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddecidiet illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-24 ta’ Dicembru 1994 ghall-habta ta’ l-10.50 p.m.[3] gewwa Abate Rigord Street, Ta’ Xbiex, kantuniera ma’ Triq Giuseppe Cali`, bejn il-vettura ta’ Eugenio Galea bin-numru ta’ registrazzjoni D-7498(M) u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni S-7225(M), u

---

[2] Galea jghid, *inter alia*, hekk: “F’daqqa wahda naf li rajt karozza ohra, li kienet Fiat ukoll, hierga b’kemm ghandha minn go *side street* u sekonda wahda, f’daqqa wahda qlajt id-daqqa. Ma kienx hemm can ghalija illi nirreagixxi, daqskemm hareg b’velocita` qawwija.” – fol. 29-30.

[3] Mhux “a.m.” kif hemm, evidentement bi zvista, fis-sentenza appellata.

minflok tiddeciedi billi tilqa’ limitatament l-ewwel talba attrici u cioe` fis-sens li tiddikjara li l-konvenut Jesmond Ellul ikkontribwixxa ghall-imsemmi incident awtomobilistiku b’mod li ghandu jkun ritenut responsabbli ghal zewg terzi tad-danni mitluba mill-attur; (**ii**) thassarha u tirrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Fogg Limited is-somma ta’ elf, tmien mija u sebgha w erbghin lira u erbatax-il centezmu (Lm1847.14) rappresentanti d-danni sofferti minnha konsegwenza ta’ l-istess incident, u minflok tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-imsemmija socjeta` riferibbilment ghall-imsemmija danni s-somma ta’ elf, mitejn u wiehed u tletin lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm1231.42); (**iii**) tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas lil Eugenio Galea s-somma ta’ mija u tmienja w tmenin lira u tmenin centezmu (Lm188.80) bhala danni mhux koperti bl-assigurazzjoni kif ukoll fejn ikkundannatu jhallas is-somma ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25) tal-*excess payment*, u minflok tikkundanna lill-konvenut Jesmond Ellul ihallas lill-attur Eugenio Galea s-somma ta’ mija u hamsa w ghoxrin lira u sitta w tmenin centezmu (Lm125.86) kwantu ghad-danni mhux koperti bl-assigurazzjoni kif ukoll is-somma ta’ sittax-il lira u sitta w sittin centezmu (Lm16.66) riferibbilment ghall-*excess payment*; u (**iv**) kwantu ghall-ispejjez u d-dekors ta’ l-imghax, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad “Bl-ispejjez kollha, inkluzi tar-relazzjoni peritali, u komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ April 1996 u tal-ittra ufficjali ohra kontestwali mal-istess citazzjoni kontra s-socjeta` Untours Insurance Services Limited u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fl-4 ta’ Gunju 1998 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut”, u minflok tipprovdi li l-interessi legali ghandhom jibdew jiddekorru mill-4 ta’ Gunju, 1998 sad-data tal-pagament effettiv, filwaqt li ghal dawk li huma l-ispejjez gudizzjarji kollha, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta’ l-appell, u dawk konnessi maz-zewg ittri ufficjali imsemmija, dawn ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terza parti (1/3) mill-atturi appellati solidament bejniethom, u kwantu ghar-rimanenti zewg terzi (2/3) mill-konvenut appellant.

Deputat Registratur

gr

Appendici Dok "A"

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Jannar, 2002 qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------